# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 84/2022: **ALEXANDER CUTAJAR (KI. 232357M) V. DANIEL ELLUL SULLIVAN (KI. 45671M) U CD LIFTS LIMITED (C95652)**

(IL-PRINĊIPJU TA' CONTRA SCRIPTUM TESTIMONIUM NON SCRIPTUM TESTIMONIUM NON FERTUR – RIMEDJI GHAX-XERREJ META L-BEJJIEGH JONQOS MILLI JAGĦMEL IL-KONSENJA FIŻ-ŻMIEN MIFTIEHEM)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**20 ta' Mejju 2024**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Alexander Cutajar (imsejjaħ "ir-rikorrent") ppreżentat fis-6 ta' April 2022[1] li permezz tiegħu talab lil Daniel Ellul Sullivan (imsejjaħ "l-intimat") u lil CD Lifts Limited (imsejjħa "l-intimata" jew "il-kumpanija intimata") – flimkien imsejjħa "l-intimati" – sabiex jidhru fid-data appuntata għas-smiegħ u jgħidu 'l għaliex m'għandhomx jiġu kkundannati jew min minnhom li:

> **'prevja dikarazzjoni illi l-intimati jew minn minnhom naqsu milli jikkonsenjaw u jinstallaw *passenger hydraulic elevator* kif maqbul mar-rikorrent, u prevja dikjarazzjoni li huma debituri tar-rikorrent fl-ammont ta' għaxart elef Ewro (€10,000) rappreżentanti rifużjoni ta' ammont avvanzat lill-intimat Daniel Ellul Sullivan għall-istess *elevator*, iħallsu lill-istess rikorrent l-imsemmija somma ta' għaxart elef Ewro (€10,000).**
>
> **Bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati, jew min minnhom, li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.'**

wara li rat ir-risposta tal-intimati ppreżentata fid-19 ta' Mejju 2022[2] li permezz tagħha wieġbu u ppremettew kif ġej:

> **'Illi preliminarjament, Daniel Ellul Sullivan mhux il-leġittimu kontradittur u għandu jiġi illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju stante li huwa biss impjegat tas-soċjeta' CD Lifts**

[1] Fol 1
[2] Fol 9

**Limited u ma' għandu l-ebda relazzjoni ġuridika mar-rikorrent u mat-talbiet tal-istess u fejn di fatti, il-kuntratt li ġie iffirmat huwa bejn ir-rikorrent u s-soċjeta' esponenti;**

**Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, ir-rikorrent naqas milli jaderixxi mal-obbligi kuntrattwali tiegħu u għaldaqstant, l-ebda ammont huwa dovut;**

**Illi subordinament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tar-rikorrent huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda;**

**Salv kwalsiasi eċċezzjonijiet ulterjuri u permessi mill-liġi;**

**Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent nġunt in subizzjoni.'**

wara li semgħet ix-xhieda u qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tagħhom,

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża inkluż l-affidavits li ġew ippreżentati,

wara li fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2024 semgħet it-trattazzjoni finali li saret bil-fomm għan-nom

- tar-rikorrent, mill-Avukat Dr. Christopher Vella,
- tal-intimati, mill-Avukat Dr. Jean Carl Abela,

qed tagħti din is-

## Sentenza

### Fatti tal-każ

1. Il-kawża tikkonċerna l-ammont ta' € 10,000 li r-rikorrent jippretendi bħala rifużjoni ta' ammont li tħallas minnu lill-intimat Ellul Sullivan bħala prezz ta' *lift* li pero baqa' ma ġiex ikkonsenjat fit-terminu stipulat. L-intimati qabel xejn eċċepew illi l-intimat Ellul Sullivan mhuwiex il-leġittimu kontradittur u għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju. *In subsidium* saħqu illi kien ir-rikorrent illi naqas milli jonora l-obbligazzjonijiet kuntrattwali tiegħu u għalhekk l-ebda ammont m'huwa dovut lilu.

2. Ir-relazzjoni bejn il-partijiet hija regolata permezz ta' kuntratt ta' bejgħ fil-forma ta' offerta datata 23 ta' April 2021 ffirmata mill-intimat Ellul Sullivan, liema offerta ġiet aċċettata u ffirmata mir-rikorrent. Il-kundizzjonijiet kuntrattwali jelenkaw diversi speċifikazzjonijiet tal-*lift* mibjugħ inkluż id-daqs, il-kapaċità tiegħu u l-*finishes*, flimkien mal-prezz miftiehem (€ 20,500 eskluż il-VAT), id-data tal-validita' tal-offerta, il-modalità tal-pagamenti u d-data tal-konsenja.[3]

### Provi

[3] Dok AC fol 18-21

3. Fis-17 ta' Ottubru 2022 xehed ir-rikorrent **<u>Alexander Cutajar</u>** permezz ta' *affidavit* maħluf:

    1. Huwa qal li għandu 65 sena, huwa *self-employed* u jaħdem fl-industrija tal-*catering*. Spjega kif kien qed jiżviluppa plot ġewwa Triq l-Iskall, Marsaskala għall-ħabta tas-sena 2010 u wara li ottjena l-permessi kollha neċessarji, bdiet il-kostruzzjoni u x'ħin wasal għall-*finishes* tal-komun fittex li jinstalla *lift*.

    2. Huwa inkariga lill-intimat Daniel Ellul Sullivan fuq rakkomandazzjoni tat-tifla tiegħu għaliex kienet tafu. Huwa ltaqa' miegħu fi Frar 2021 u dan kien qallu li jifforma parti minn kumpanija ma' persuna Taljana bl-isem ta' Luciano Curti u li l-kumpanija kien jisimha CD Lifts Limited. Qal li kienu qablu li Luciano Curti kellu jiġi jieħu l-qisien u jagħtih stima għall-*hydraulic system* lift, jew dak li jaħdem bl-elettriku.

    3. Wara ftit jiem bagħtulu stima u r-rikorrent għażel li jaħdem bil-*hydraulic*. Sussegwentement u ċioe fit-23 ta' April 2021[4] iffirmaw il-kuntratt relattiv. Huwa aċċena għall-fatt li dakinhar lil Daniel Ellul Sullivan kien qallu li miegħu ser ikollu x'jaqsam u ma' ħadd iktar. F'dan ir-rigward ir-rikorrent għamel emfażi fuq il-fatt illi ċ-ċekkijiet li ħareġ għall-ħlas tad-depożitu kien indirizzahom personalment lill-intimat[5].

    4. Spjega kif fil-kuntratt kienu qablu fuq dettalji tekniċi tal-lift, il-kulur u t-tip ta' kabina, iż-żmien li fih kellu jiġi kkonsenjat il-lift, kif ukoll meta dan kellu jitħallas. Il-konsenja kellha ssir fi żmien 8 ġimgħat. Huwa kien għadda pagament ta' EUR10,000 ftit jiem wara u kien fehem li t-tmien ġimgħat kienu diġà bdew u allura ppretenda li dan il-lift kellu jasal u jkun installat sal-aħħar ta' Ġunju 2021. Il-kuntratt kien jipprovdi għall-metodu tal-pagament u peress li l-ewwel pagament kellu jkun ta' 40% huwa ħallas ftit aktar u ċioe s-somma ta' EUR10,000. Dan il-ħlas tqassam fuq erba' ċekkijiet datati 27, 28 , 29 u 30 ta' Settembru 2021 rispettivament, intestati lil Daniel Ellul Sullivan[6] liema ċekkijiet ġew iddepożitati ftit jiem wara mill-istess intimat.

    5. Qal kif wara ftit ġimgħat huwa beda jċempel lil Daniel Ellul Sullivan li qallu li l-*lift* kien ġie ordnat mill-Italja. Laħqu skadew ix-xahrejn tal-kuntratt u kien għadu ma sema' xejn u għalhekk beda jinkwieta. L-intimat kien dejjem jgħidlu li ser jiġi ikkonsenjat u installat sal-aħħar tax-xahar fejn kien anki aċċertah li dan kien ser isir sa Settembru 2021 – imma l-lift baqa ma wasalx.

[4] Għalkemm tniżżlu l-kliem "23 ta' April 2022" huwa ovvju illi dan kien *lapsus calami* tant illi matul il-kors tal-kawża r-rikorrent stess talab korrezzjoni ta' data oħra skorretta li tniżżlet f'paragrafu 8 tal-*affidavit* meta tniżżlu l-kliem 24 ta' Diċembru 2022 minflok 24 ta' Diċembru 2021. Għal xi raġuni meta saret it-talba għall-korrezzjoni, it-talba saret biss fir-rigward tal-paragrafu 8 u mhux ukoll tal-paragrafu 4.
[5] Dok AC1 – a fol. 22 et seq.
[6] Dok AC1 - a fol. 22 et seq.

Wara li sema xi kummenti ta' xi nies rigward din il-kumpanija u anki dwar Daniel Ellul Sullivan stess, huwa induna li ġie ingannat.

6. F'Ottubru 2021 reġa ċempillu irrabbjat u l-intimat qalu li sa Novembru 2021 il-*lift* kien ser ikun għandu. Madanakollu dan qatt ma wasal. Kien għalhekk li ħa azzjoni legali u wara li kitiblu b'mod legali, l-intimat kien ċempillu u qallu li l-*lift* kien se jasal lejliet il-Milied, jiġifieri fl-24 ta' Diċembru tas-sena 2021.

7. Dakinhar tal-24 ta' Diċembru 2021 mar it-tifel tiegħu fuq is-sit, Alexander P. Cutajar u ġew xi ħaddiema bit-trakk u xi ħadid. Għalkemm kien hemm mara barranija li bdiet tinsisti li l-*lift* issa kien wasal, effettivament skond ir-rikorrenti kienu ġabu biss il-ħadid mingħajr kabina. Hija riedet il-ħlas tal-50% l-oħra skond il-kuntratt iżda ibnu insista magħha li qabel ma ġġib il-bqija tal-*lift*, inkluż il-kabina u ix-xaft, ma kienx ser itiha pagament ieħor. Hi baqgħat tinsisti li huwa kellu jimxi mal-kuntratt u li ma kienitx ħa ġġib aktar materjal jekk ma jkunx hemm il-ħlas.

8. Ir-rikorrent spjega li ma riedx ikompli iħallas kemm għax riedu jaraw li jkun wasal l-apparat kollu qabel, u kemm għaliex sa dak iż-żmien iż-żmien għall-konsenja laħaq skada. Il-mara qaltlu li kienet ser iġġiblu aktar *parts* l-għada basta li ibnu jħallasha.

9. Minn dakinhar ma reġax tkellem ma' Daniel Ellul Sullivan. Kien sar jaf, permezz ta' Facebook li kien hemm numru ta' kummenti negattivi fuqhom.[7] Huwa qal li sal-lum għadu mingħajr lift.

4. Fis-seduta datat it-28 ta' Novembru 2022, ir-rikorrent ppreżenta l-affidavit ta' ibnu **<u>Alexander P. Cutajar</u>**[8] fejn dan qal li għandu 37 sena, huwa *self-employed* u jaħdem fl-industrija tal-*catering* u tal-kostruzzjoni:

1. Huwa qal li missieru kien is-sid tal-plott ġewwa Triq l-Iskall, Marsaskala u wara li bniha xtaqu jgħinu biex jieħdu ħsieb il-*finishes* tal-blokka kollha. Il-*lift* ma kienx sar mill-ewwel peress li xtaqu li l-ewwel jlestu l-*finishes* kollha l-oħra sabiex ma ssirx ħsara. Spjega kif b'kollox hemm ħames *units* li fihom jgħixu tlett ħutu u l-ġenituri tiegħu filwaqt li l-appartament tiegħu jikrih lil terzi. Minkejja li hu kien qed jieħu ħsieb, missieru kien qallu li oħtu Rachelle Cutajar kienet irrakkommandat lill-intimat Daniel Ellul Sullivan bħala persuna li jbiegħ il-liftijiet. Huwa qal li fil-bidu ma kienx involut dwar il-*lift* għaliex din il-biċċa kien qed jieħu ħsiebha missieru.

2. Għall-ħabta tal-aħħar tas-sajf 2021 beda jistaqsi lil missieru x'sar minnu l-*lift*, u dan kien qallu li kien inkwetat għaliex kien għadda ż-żmien u l-*lift* li kien ordna ma kienx wasal. Kienet l-ewwel darba li kien qed jisma' li kien hemm problema u għalhekk għall-ħabta ta' Ottubru/Novembru 2021, wara li

---

[7] Dok AC5 – a fol. 30 et seq.
[8] A fol. 35

missieru kien qallu li Daniel Ellul Sullivan kien ilu tlett xhur iwegħdulu għalxejn, iddeċieda jkellmu hu. Talbu biex jiltaqgħu u hekk sar ftit jiem wara.

3. L-intimat spjegalu li kellu xi problemi minħabba l-materjal iżda x-xhud qallu li l-kuntratt kellu jiġi rispettat. L-intimat reġa' wegħdu li ħa jġib il-*lift* fi żmien ġimgħatejn iżda dan xorta ma wasalx. Fil-frattemp missieru mexxa bl-avukat. Ix-xhud xorta però prova reġa' jċempel lill-intimat Daniel Ellul Sullivan u dan qallu li nqalatlu xi problema oħra u reġa' wegħdu li sa l-aħħar tax-xahar kellu jasal żgur (i.e. fl-aħħar tas-sena). Il-*lift* però baqa' ma wasalx.
4. Darba minnhom irċieva telefonata minn ċertu Amanda, li kienet tinstema' ta' nazzjonalità barranija, li qaltlu li kienet qed titkellem għan-nom tal-intimat Ellul Sullivan u li l-għada kien sejjer jiġi kkonsenjat il-*lift*. Talbitu fejn kellu jinħatt u x-xhud taha d-dettalji.[9]
5. Huwa mar l-għada u wara xi tliet siegħat ġiet Amanda flimkien ma xi ħaddiema. Kif ix-xhud ittawwal biex jara x'kienu ġabu magħhom induna li ma kienux ġabu kollox u filfatt ġabu biss ħadid. La kien hemm il-kabina, la l-*piston* li suppost kellha tul ta' 9 metri, la kien hemm il-pompa u lanqas ma kien hemm affarijiet oħra relatati. Peres li għandu esperjenza fil-kostruzzjoni huwa kellu esperjenza dwar fiex kien jikkonsisti t-tagħmir tal-*lift*. Għalhekk lil Amanda staqsieha mill-ewwel kienx hemm aktar materjal x'jasal u din filwaqt li għall-ewwel qaltlu li kienu ġabu kollox, x'ħin imbagħad urieha x' kien hemm nieqes ikkonfermatlu li dawk l-affariiet kien fadlilhom jaslu. Qaltlu li kienet se ġġibhom l-għada u fil-frattemp però riedet 50% oħra tal-bilanċ għaliex l-intimat kien taha struzzjonijiet biex tiġbor dan il-pagament.
6. Hu weġibha li ma kien ser itiha xejn qabel ma jasal il-materjal kollu u telaq minn fuq il-post irrabjat għaliex wara dak id-dewmien kollu ma ppretendiex li anki dakinhar kien ser jibqa' mingħajr lift.
7. Minn dakinhar ma reġax sema' bl-intimat aktar u l-*lift* baqa' ma wasalx. Dan wassal għal inkonvenjent u inkwiet żejjed partikularment peress li ommu tbati b'irkoppitha u għalhekk għandha tliet sulari taraġ x' titla' kuljum.

5. Fit-30 ta' Jannar 2023 ġie prodott in kontro eżami mill-intimati, ir-rikorrent **<u>Alexander Cutajar</u>**[10]:

   1. Mistoqsi jekk kienx qed jirreferi għall-kuntratt prinċipali meta lil Daniel Ellul Sullivan kien qallu li miegħu għandu x'jaqsam bħala negozju, huwa qal li ma kienx qed jirreferi għall-kuntratt biss. Filfatt spjega li meta Ellul Sullivan kien ppreżenta lilu nnifsu miegħu, hu kien qallu li qiegħed sħab f'kumpanija ma' wieħed Taljan. Ir-rikorrent qallu li bħala kuntatt kien ħa jibqa' jaf lilu biss u lilu kien sejjer iżomm responsabbli għal li jinqala.

---

[9] Dok APC  a fol. 38
[10] Fol 39A

2. Mistoqsi kienx għamel verifiċi biex jara hux veru kellux xi sehem mill-kumpanija, huwa qal li ma kellux għalfejn jagħmel hekk għaliex l-intimat kien aċċetta il-kundizzjonijiet li mponielu u filfatt anke iċ-ċekkijiet kien ħariġhom f'ismu personali (i.e. u mhux f'isem il-kumpanija).

3. L-intimat qatt ma qallu li kien impjegat tal-kumpanija CD Lifts Limited. Mistoqsi qattx iltaqa mad-direttur jew is-*shareholder* tal-kumpanija, ċertu Luciano Curti, ir-rikorrent qal li dan kien ġie l-ewwel darba biex jara fejn kien se jsir ix-xogħol. Meta imbagħad ftehmu kien reġa' mar jieħu l-qisien u ftehmu fuq it-tip ta' *lift* li ried. Dan sar fil-presenża tal-intimat Ellul Sullivan.

4. Mistoqsi jagħrafx id-differenza bejn persuna u kumpanija huwa wieġeb fl-affermattiv. Mistoqsi għalfejn ma kien qal xejn lill-intimat meta ra li l-kuntratt sar ma CD Lifts Limited ir-rikorrent tenna li l-firma fuq il-kuntratt kienet ta' Daniel Ellul Sullivan u ċ-ċekkijiet ġew imsarrfa minnu ukoll.

5. Mistoqsi kienx qrah il-kuntratt qabel ma ffirmah huwa qal li ma kienx qrah u li afda lil Daniel b'mod komplet. Huwa fehem meta kellu jiġi kkonsenjat il-*lift* u cioe fi żmien tmien (8) ġimgħat. Huwa kkonferma li waħda mill-firem fuq il-kuntratt hija tiegħu. Tenna li ma kellux għalfejn jitlob kjarifika dwar il-fatt li isem CD Lifts Limited kien fuq il-kuntratt għaliex skond hu l-kundizzjonijiet tal-kuntratt huma *"between the lines"* u huwa kien mar għall-kuntratt bażiku bl-intiża li jaf biss lill-intimat tant li ħallas id-depożitu lilu personalment.

6. Meta ġie suġġerit lir-rikorrent li l-intimat kien qallu li l-kumpanija kien għad m'għandiex kont u għalhekk iċ-ċekk kellu joħroġ f'ismu personalment, ir-rikorrent irrisponda li l-intimat ma kien qallu xejn minn dan. Mistoqsi jafx jekk iċ-ċekkijiet li huwa għadda lill-intimat kienux ġew aġġirati lill-kumpanija huwa qal li ma kienx jaf lanqas.

7. Rigward pagamenti spjega kif huwa kien għamel il-ftehim f' April tas-sena 2021 u wara tmien ġimgħat kien ikkuntattja lill-intimat biex jara fiex kienu waslu u dan kien indikalu l-aħħar tax-xahar bħala *delivery date*. Imbagħad kien qallu li ser jasal f'Awwissu u wara ftit qallu li ser jasal f'Settembru. Lill-ibnu qallu li kien inkwetat u dan kien qallu li kien ser jipprova jikkuntattjah hu lill-intimat, kif filfatt ġara. Lill-ibnu kienu tawh ġurnata u mar jiltaqa' magħhom. Ir-rikorrent ma kienx hemm għax baqa' l-ħanut tiegħu. Il-*lift* ma ġiex ikkonsenjat kollu u meta talbuh il-flus t-tifel ma afdahomx  għaliex kienu diġa tħallsu € 10,000 bħala depożitu. Ibnu qallhom li missieru ma kienx se jtihom aktar flus qabel ma jġibu l-affarijiet kollha. Dawn qalulu li ħa jġibu l-bqija tal-*lift* l-għada iżda l-għada ġie u l-*lift* baqa' ma wasalx.

8. Mistoqsi x' taħdidiet kien hemm fuq il-ħlas tal-50%, ir-rikorrent qal li l-ħlas ta' 50% kellu jsir *"at notice of goods and full documentation"* liema avviż u dokumentazzjoni qatt ma ġew ppreżentati.

6. Fl-istess seduta ġie prodott ukoll iben ir-rikorrent, **<u>Alexander P. Cutajar</u>** in kontroeżami[11]:

   1. Mistoqsi kienx involut fit-taħdidiet li kien hemm bejn missieru u CD Lifts Limited u Daniel Ellul Sullivan huwa qal li fil-bidu ma kienx involut. Jaf pero li missieru kien iffirma kuntratt. Rigward il-kontentut huwa qal li qatt ma qrah però kien jaf x'kienu jinvolvu l-*payment terms* għaliex kellu appuntament ma' Daniel Ellul Sullivan u dawn ġew iċċarati flimkien.

   2. Huwa reġa' involva ruħu meta beda jistaqsi lil missieru fejn kien wasal il-*lift* u kien qallu li kien għadu ma wasalx minkejja li għadda ż-żmien sew. Kien qallu li kien se jkellmu hu lill-intimat biex jara x'kienet il-problema.

   3. Mistoqsi jgħid x'kienu t-taħditiet ma' Amanda huwa qal li lejn l-aħħar tas-sena 2021 hija kienet bagħtitlu biex isaqsih fejn tista' ssir il-konsenja. Lil missieru kien avżah b'dan. Meta waslet il-ġurnata huwa mar jistenna fejn kienu ftehmu u dawn kienu waslu tard. Minkejja d-dewmien kollu biex jasal l-imbierek *lift,* dan xorta waħda ma wasalx komplut.

   4. Meta Amanda staqsietu biex jagħmel il-pagament ta' 50% huwa qallha le u dan għaliex kienu miftehmin li kellhom jiġu l-partijiet kollha tal-*lift*. Entrambi baqgħu jinsistu u qaltlu li l-bqija tal-*lift* kellu jasal l-għada wara li jkun għamel pagament ieħor. Huwa ma qabilx għax il-ftehim ma kienx hekk.

7. Fit-28 ta' Frar 2023 l-intimat **<u>Daniel Ellul Sullivan</u>** ippreżenta l-affidavit tiegħu[12]:

   1. Huwa qal li huwa beda jaħdem mal-kumpanija CD Lifts Limited fis-sajf tas-sena 2019 bħala *salesman*. Huwa m'għadux jaħdem magħhom u kien waqaf fis-sajf tas-sena 2022. Huwa kien biss impjegat b'paga fissa u 1% *commission* u ma kellux ishma fil-kumpanija.[13]

   2. Spjega kif CD Lifts Limited hija kumpanija li timporta *lifts* u tinstallahom fuq ingaġġ tal-klijenti tagħha .

   3. Rigward dan il-każ huwa kien iltaqa' mar-rikorrent fi Frar 2021 li qallu li kellu bżonn *lift* għal blokka t'appartamenti. Skond l-intimat huwa qatt ma tah l-impressjoni li l-kumpanija kienet tiegħu. Ir-rikorrent spjegalu dak li kellu bżonn u huwa kien tah l-għażliet disponibbli jiġifieri sistema li taħdem bil-*hydraulic* jew waħda li taħdem bl-elettriku. Luciano Curti kien mar fuq il-post biex jieħu l-qisien. Ir-rikorrent kien għażel lift b'sistema tal-*hydraulic* u kien iffirma l-kuntratt relattiv meta sar il-ftehim dwar il-konsenja u l-modalita' tal-pagamenti.

---

[11] Fol 39F-39G
[12] Fol 41-43
[13] FS3 u informazzjoni dwar il-kumpanija mill-MBR a fol. 42 u 43

4. Qal kif huwa kien iffirma f'isem CD Lifts Limited għax kien impjegat tagħhom u ried juri li kien hu li għalaq il-bejgħ magħhom biex jieħu l-*commission*. Il-kuntratt kien jistipula 40% ħlas bħala depożitu.

5. Huwa kien infurmat minn Luciano Curti li l-kumpanija ma kienx għad kellha kont bankarju u għalhekk kien talab lir-rikorrent sabiex il-pagament jiġi mgħoddi lilu sabiex imbagħad jgħaddi l-flus lil CD Lifts Limited. Ir-rikorrent kien aċċetta u filfatt għaddielu erba' ċekkijiet ta' EUR 2,500 kull wieħed bħala depożitu. Huwa kien għadda dawn il-flus lil kumpanija CD Lifts Limited. Sfortunatament minħabba ċirkustanzi li ma kelliex kontroll fuqhom il-kumpanija, il-*lift* ma wasalx fiż-żmien prevvist u dan minħabba l-pandemija tal-COVID-19. Meta r-rikorrent kien jistaqsi fiex kien wasal dan il-*lift* huwa kien jgħaddilu l-informazzjoni li kien jagħtih Luciano Curti. F'ċertu punt kien daħal ukoll it-tifel ta' Alexander Cutajar isaqsih dwar il-lift.

6. Qal li għalkemm it-*tender validity date* kienet għaddiet il-kuntratt kien għadu validu. Peress li parti mill-*lift* waslet f'Diċembru 2021 il-kumpanija iddeċidiet illi tikkonsenja dik il-parti minkejja li kienet ser teħel spejjeż żejda. Din il-konsenja kienet qed tieħu ħsiebha kollega tiegħu bl-isem ta' Amanda. Milli qalulu, t-tifel tar-rikorrent irrifjuta li jħallas il-50% li kien imiss u ried il-*lift* kollu. Minħabba f'hekk il-kumpanija m'għamlitx il-bqija tal-konsenja.

7. Huwa qal li Facebook *post* esebit mir-rikorrent a fol 30-33 kien defamatorju u li safejn jaf hu dan kien tneħħa.

8. Fit-8 ta' Marzu 2023 ġie ppreżentat l-affidavit ta' **<u>Luciano Curti</u>**[14] u traduzzjoni tiegħu bil-lingwa Ingliża ġiet ippreżentata fit-22 ta' Marzu 2023[15]:

   1. Huwa kkonferma li huwa l-uniku azzjonist u direttur tal-kumpanija CD Lifts Limited, però fil-bidu meta fetaħ il-kumpanija kellu sħab oħra.

   2. L-intimat Daniel Ellul Sullivan kien biss impjegat li beda jaħdem miegħu fis-sajf tas-sena 2019 u telaq fis-sajf tas-sena 2022.

   3. Bħala xogħol il-kumpanija timporta u tbiegħ liftijiet lill-klijenti. Għar-rigward tar-rikorrent Alexander Cutajar dan kien tressaq bħala klijent mill-intimat Ellul Sullivan. Ir-rikorrent iffirma kuntratt mal-kumpanija biex jixtri *lift* u hu kien mar on-site biex jieħu l-qisien.

   4. Qal li dak iż-żmien il-kumpanija ma kellix kont tal-bank normali, iżda kellha biss wieħed *online* li ma kienx jaċċetta ċekkijiet u peress li l-klijent ried iħallas b'ċekk, huwa kien talab lill-intimat biex jirċievi l-ammont hu u jgħaddilu l-flus. Ikkonferma li hekk sar.

---

[14] A fol. 47 et seq.
[15] Fol 56-57

5. Huwa spjega li ma setgħux jikkonsenjaw il-*lift* minħabba li kien hemm ċirkustanzi li ma kienux fil-kontroll tagħhom u ċioe minħabba l-pandemija tal-COVID-19. Il-kumpanija ukoll sarulha ħafna wegħdiet rigward meta kellu jasal ix-xogħol pero' dan kien baqa' ma wasalx. Spjega li peress illi l-klijent kien urtat għamlulu konsenja ta' dak li kellhom għad-disposizzjoni tagħhom. Il-konsenja kienet ser issir minn ċertu Amanda Qose f' Diċembru ta' 2021. Però ġie infurmat li iben ir-rikorrent ried konsenja kompluta tal-lift qabel ma jħallas il-50% li kien imissu. Għalhekk peress li ma żammx mal-metodi stabbiliti tal-ħlas il-konsenja ma setgħetx issir.

9. Fis-seduta tad-19 ta' Ġunju 2023 xehed l-intimat **Daniel Ellul Sullivan** in kontro eżami[16]:

1. Huwa kkonferma li kien iffirma l-kuntratt ta' bejn ir-rikorrent u CD Lifts Limited. Spjega li hu kien biss *salesman* li kien jaħdem mal-kumpanija intimata u la qatt kien direttur u lanqas ma kien rappreżentant legali tagħha. Mistoqsi kellux xi *board resolution* biex jiffirma dawn il-kuntratti huwa wieġeb bin-negattiv u qal li kien joqgħod fuq struzzjonijiet ta' Luciano Curti. Kien Curti li kien iltaqa' mar-rikorrent Cutajar.

2. Mistoqsi kienx jaf li ma setax jiffirma għan-nom tal-kumpanija huwa qal li dan ma kienx jafu u li kieku kien il-każ żgur li ma kienx ser jiffirma. Huwa kien jiffirma kuntratti oħrajn u qatt ma staqsa setax jagħmilha skond il-liġi. Mistoqsi jekk lir-rikorrent qattx spjegalu r-raġuni proprja għaliex kien qed jirċievi l-flus hu, ossia rigward il-problema tan-nuqqas tal-kont tal-bank huwa qal li qatt ma kien qal xejn dwar dan lir-rikorrent. Is-Sur Curti kien tah struzzjonijiet biex jagħmel hekk, jiġifieri sabiex jieħu l-flus f'ismu u huwa obda l-istruzzjonijiet tiegħu. Tenna ukoll illi huwa kien għadda dawn il-flus lil Curti fi flus kontanti.

3. Huwa kien ħareġ riċevuta però ma setax jiftakar kienx għaddiha lir-rikorrent. Ikkonferma illi l-ewwel parti tal-konsenja saret f'Diċembru tas-sena 2021 u din kienet tikkonsisti fil-parti mekkanika. Il-ftehim ma' CD Lifts Limited kien li hekk kif jitħallsu 90% tal-prezz, jiġi kkonsenjat il-*lift* kollu. Huwa ma jafx x'ġie konsenjat dakinhar. Jaf però li t-tifel tar-rikorrent kien talab il-flus lura jekk ma jiġix ikkonsenjat il-*lift* kollu. Huwa qal li ma kellu l-ebda awtorita' jgħaddilu l-flus u għalhekk kien tkellem mas-Sur Curti.

4. Mistoqsi kienx għamililhu ċara r-rikorrent li hu ried ikollu x'jaqsam miegħu biss meta għamel l-ordni huwa wieġeb li dan ma kienx il-każ. Tant hu hekk li huwa kien ħa lis-Sur Curti miegħu. Spjega kif ir-rikorrent kien ikkuntattja lil CD Lifts Limited u mhux lilu personali għax hu ma kienx iġib *lifts.* Huwa

[16] Fol 71-77

minnu li r-rikorrent kien kellem lilu personalment pero dan ġara fil-presenza ta' Luciano Curti.

5. Mistoqsi dwar il-posts ta' *Facebook* esebiti mir-rikorrent huwa kkonferma illi wiċċu kien jidher fuq dawn il-*posts* u hekk ukoll kien jidher wiċċ Luciano Curti. Mistoqsi mexxiex b'azzjoni legali dwarhom huwa qal li xtaq jagħmel hekk però finanzjarjament ma setax.

10. Fit-23 ta' Ottubru 2023 ġie prodott **<u>Luciano Curti</u>** in kontro eżami[17]:

1. Dan ikkonferma li jifhem bl-Ingliż u li jgħix l-Ingilterra. Mistoqsi jikkonferma kienx tħallas € 10,000 mir-rikorrent Alexander Cutajar huwa qal li s-Sur Cutajar kien ħallas 40% tal-prezz permezz ta' ċekkijiet indirizzati lill-intimat minħabba li l-kumpanija ma setgħetx tirċievi ċekkijiet.
2. Huma kienu avżaw lir-rikorrent dwar dan però hu ried iħallas b'ċekk u għalhekk kien ta struzzjonijiet lill-intimat sabiex jirċievi ċ-ċekkijiet f'ismu, isarrafhom u imbagħad jgħaddilu l-pagament.
3. Il-kumpanija intimata kien għad ma kellix kont għax f'Malta trid tgħaddi sena biex tiftaħ kont tal-kumpanija. L-intimat kien irċieva d-depożitu u dan għaddihom *cash* lill-*accountant* tal-kumpanija.
4. Ikkonferma li ma ġiex kkonsenjat il-materjal kollu tal-lift għaliex kellu jittieħed it-tieni pagament skond il-kuntratt. Minħabba li kien hemm dewmien fil-konsenja it-tifel ta' Alexander Cutajar ma kienx qed jafdah u għalhekk ma riedx jagħmel ħlas ieħor. Għalhekk meta l-materjal kien lest biex jiġi kkonsenjat dan baqa' għand il-kumpanija stante illi din baqgħet ma rċevietx ħlas.
5. Meta ġie suġġerit lilu li l-kuntratt kien jipprovdi li l-ħlas ta' 50% kellu jiġi effettwat *"at notice of goods and full documentation ready to be dispatched"* u li huma qatt ma taw dan l-avviż huwa spjega li d-dokumentazzjoni hija l-*invoice*. Huwa spjega li ma setax jifhem għalfejn kellu jibgħatlu xi ħaġa aktar milli jgħidlu li l-materjal kien wasal u li setgħu jipproċedu.
6. Huwa qal li l-materjal ma kienx lest fiż-żmien miftiehem. Mistoqsi qattx ta xi avviż bil-miktub huwa qal li r-rikorrent kienet intbagħtitlu kommunika li l-materjal kien lest u li seta' jiġi kkonsenjat. Mistoqsi kienx qed jippretendi ħlas meta dan kien hemm biċċiet neqsin huwa qal li assolutament ma kienx il-każ. Dak li kien nieqes kien parti mill-materjal u mhux parti mill-lift. Kienu tard biex jikkonsenjaw il-prodott pero biex jikkuntentawh naqra aktar għaliex kien hemm id-dewmien ħadulu anki il-*guard rail*. Il-ħaddiema tiegħu staqsew għall-pagament biss meta il-materjal komplet kien lest. Huwa qal li

[17] Fol 81-84

ma kienx preżenti meta sar tentattiv biex jiġi kkonsenjat il-*lift*. Tenna li l-konsenja sħiħa ma saritx għaliex ma kienux tħallsu skond il-kuntratt.

7. Finalment ikkonferma li huwa m'huwiex tenut iħallas xejn lura lir-rikorrent għaliex huwa kien daħal fi spejjeż sabiex jordna u jixtri l-materjal kollu tal-*lift*.

**Kunsiderazzjonijiet legali**

*Leġittimu kontradittur*

11. Illi bħala punt tat-tluq il-Qorti ser tgħaddi qabel xejn sabiex tiddetermina l-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-intimati ossia dik illi l-intimat Daniel Ellul Sullivan m'huwiex leġittimu kuntradittur f'dawn il-proċeduri għaliex il-kuntratt ġie iffirmat mal-kumpanija intimata.

12. It-teżi mressqa mir-rikorrent sa mill-bidu ta' dan il-każ kienet illi huwa ikkuntratta ma' Daniel Ellul Sullivan personalment u żamm lilu bħala responsabbli. Fix-xhieda tiegħu ħareġ li huwa mar għandu stante li kellu konnoxxenza mat-tifla tiegħu u li meta ltaqgħu l-intimat kien *"... pprezenta lilu nnifsu li jifforma parti minn kumpanija flimkien ma' persuna Taljana bl-isem Luciano Curti u li l-kumpanija kien jisimha CD Lifts Limited"*[18]. Xehed ukoll illi huwa kien insista mal-intimat li ried li jkollu x'jaqsam miegħu biss u li kien ser jikkomunika miegħu biss. Xehed li qallu ukoll li kien ser iżommu responsabbli personalment jekk jinqala xi ħaġa. Il-ħlasijiet tad-depożitu ta' € 10,000 saru permezz ta' ċekkijiet li nħarġu lill-intimat personalment u ġew imsarrfa minnu. L-intimati min-naħa tagħhom jargumentaw illi l-intimat kien biss impjegat tagħha u kien jaħdem b'salarju u b'*commission.* Ippreżentaw ukoll provi dokumentarji li juru li l-intimat ma kellu l-ebda involviment fl-istess kumpanija. L-intimat tenna li huwa kien iffirma l-kuntratt f'isem CD Lifts Limited u li aċċetta l-ħlasijiet b'ċekk indirizzati lilu sempliċiment għaliex il-kumpanija ma kelliex kont bankarju dak iż-żmien u għalhekk sar arranġament illi dawn jiġu indirizzati lilu, jsarrafhom u jgħaddihom *cash* lill-kumpanija intimata. Ir-rikorrent ċaħad illi l-intimat kien qallu li huwa biss impjegat tal-kumpanija

13. Huwa prinċipju assodat fil-liġi illi ***contra scriptum testimonium, non scriptum testimonium non fertur***. Dan il-prinċipju, bħal ħafna prinċipji oħra, jissokkombi għal numru ta' eċċezzjonijiet bħal (i) meta l-kuntratt ikun *ivvizzjat minn frodi* jew altrimenti ikun *null għal xi raġuni valida fil-liġi*, (ii) meta l-kuntratt ikun *simulat* (iii) meta s-sinjifikat tal-kitba jkun *ambigwu* jew il-kitba tkun tikkontjeni *partijiet kontradditorji*, (iv) meta jiġi ppruvat *patt inċidentali sekondarju* li jkun inkonciljabbli mal-iskritt, u (v) meta jkun hemm *ftehim verbali* li jammonta għal *kundizzjoni li subordinatement għaliha tkun saret il-konvenzjoni miktuba* u li minnha tkun

[18] A fol. 16 – par 3

tiddependi l-eżekuzzjoni ta' dik il-konvenzjoni.[19] Fil-każ odjern ma jidhirx li hija applikabbli xi waħda minn dawn l-eċċezzjonijiet.

14. L-offerta a fol 18-21 tal-proċess ġiet aċċettata u allura saret kuntratt għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi meta ġiet aċċettata u ffirmata mir-rikorrent. Issa l-istess kuntratt juri ċar u tond u ċertu prominenza l-isem tal-kumpanija intimata, CD Lifts Ltd, fuq kull paġna tiegħu. Fl-aħħar nett tal-kuntratt hemm stampati ukoll il-kliem: *"Best Regards, arch. Dipl. ID. Luciano Curti – CD Lifts Limited Chief Operations Officer"*. Huwa minnu li l-firma għall-kumpanija intimata ma saritx minn Luciano Curti, imma mill-intimat Ellul Sullivan, iżda huwa wisq loġiku illi dan kien qed jagħmel hekk għan-nom tiegħu u allura għan-nom tal-kumpanija intimata u mhux għan-nom tiegħu personali.

15. Fuq kollox japplika l-prinċipju daqstant ieħor fundamentali fil-liġi tagħna (liema prinċipju jinsab assodat fl-Art. 992(1) tal-Kodiċi Ċivili) illi meta ikun sar ftehim li jkun kif trid il-liġi kemm fis-sustanza u kemm fil-forma, dak **il-ftehim isir liġi bejn il-partijiet**. Il-vinkolu kuntrattwali għandu jiġi rispettat u l-volonta' tal-partijiet kif espressa fil-kuntratt għandha tipprevali: *pacta sunt servanda.*

16. Ir-rikorrent innifsu stqarr illi huwa ma ħassx li kellu jaqra l-kuntratt għaliex fi kliemu l-ftehim mal-intimat kien ċar illi huwa kien jaf biss lilu personalment. Madanakollu il-provi (kemm skritti u kemm tal-intimati) juri mod ieħor. Il-fatt **waħdu** illi ċ-ċekkijiet ġew indirizzati lill-intimat personalment u ġew imsarrfa minnu ma jwasslux għall-konklużjoni illi l-intimat kien jaġixxi għan-nom tiegħu personalment.

17. Għalhekk il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati u sejra tillibera lill-intimat mill-osservanza tal-ġudizzju billi m'huwiex leġittimu kontradittur.

*It-talba għar-rifużjoni tad-depożitu*

18. It-talba tar-rikorrent hija sabiex il-Qorti tiddikjara illi l-intimati (jew min minnhom) **naqsu milli jikkonsenjaw** il-*lift* u għalhekk tikkundannahom jirrifondu lura l-€ 10,000 imħallas bħala depożitu.

19. L-Artikolu 1385 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi kif ġej:

> **'1385. Jekk il-bejjiegħ jonqos li jagħmel il-kunsinna, fiż-żmien miftiehem, ix-xerrej jista' jitlob, kif jagħżel hu, jew li l-kuntratt jiġi maħlul, jew li huwa jiġi mqiegħed fil-pussess tal-ħaġa mibjugħa, iżda dan kemm-il darba d-dewmien ikun ġie kkaġunat mill-bejjiegħ biss.'**

[19] Kollez. Vol XLIV pI p267

20. Il-Qorti trid qabel xejn tiddetermina jekk il-kumpanija intimata naqsitx milli tagħmel il-kunsinna fiż-żmien miftiehem u jekk dan in-nuqqas ġiex ikkaġunat biss mill-intimata.

21. Kif diġa ingħad, ir-rikorrent daħal fi ftehim mal-kumpanija intimata fejn fih ġew stipulati t-termini u kundizzjonijiet ta' dan l-istess ftehim fosthom il-modalita' tal-pagamenti u t-terminu pattwit għall-konsenja. Minkejja li l-kopja tal-kuntratt li tinsab in atti mhijiex datata ir-rikorrent qal li huwa daħal f'dan il-kuntratt fit-23 ta' April 2021, ċioe d-data li tidher miktuba bl-idejn fit-tielet paġna tal-ftehim. Din ma ġietx kontradetta mill-intimati.

22. Kif hemm imniżżel fl-istess kuntratt, sewwasew fl-aħħar paġna tiegħu, il-materjal tal-lift in kwistjoni kellu jiġi kkonsenjat fi żmien **tmien ġimgħat** (b'esklużjoni tax-xhur ta' Awissu u Diċembru) minn meta l-intimata jkollha f'idejha l-ftehim iffirmat, il-ħlas tad-depożitu, l-aċċettazzjoni b'firma tal-*project drawing* u lista tal-*aestethic characteristics of the lift.* Fl-ebda waqt matul il-kawża ma tqajjmet xi allegazzjoni illi l-intimati kienu sprovvisti minn xi wieħed minn dawn l-elementi rikjesti li allura kienet tipprekludihom milli jipprosegwu bil-konsenja. Id-depożitu li kellu jitħallas *"at the order"* kellu jkun ta' 40% tal-prezz, ossia ta' € 9,676 (bil-VAT inkluż). Jirriżulta illi ftit iżjed minn dan l-ammont, ossia dak ta' € 10,000 tħallas permezz ta' erbgħa (4) ċekkijiet separati ta' € 2,500 kull wieħed datati 27, 28, 29 u 30 ta' April 2021 rispettivament indirizzati lill-intimat u li ġew imsarrfa minnu[20]. Id-direttur tal-kumpanija intimata xehed illi l-kumpanija rċeviet dawn il-flus mill-impjegat tagħha fi flus kontanti. Għalhekk t-terminu ta' tmien (8) ġimgħat mit-30 ta' April 2021 kien jiskadi fil-**25 ta' Ġunju 2021**.

23. Huwa ammess mill-kumpanija intimata illi l-konsenja ma saritx entro dan it-terminu. Ir-rikorrent xehed illi minkejja diversi wegħdiet, postponimenti u saħansitra wara li bagħat ittra legali, il-lift baqa' ma ġiex ikkonsenjat qabel ma kien hemm tentattiv ta' konsenja f'Diċembru 2021. Skond l-intimat Ellul Sulivan dan ġara minħabba ċirkustanzi li ma kelliex kontroll fuqhom il-kumpanija u ċioe minħabba l-pandemija tal-COVID-19. Huwa qal ukoll ili kull meta kien ikollu informazzjoni mid-direttur tal-kumpanija intimata, Luciano Curti, huwa kien jgħaddiha lir-rikorrent. Min-naħa tiegħu Luciano Curti apparti illi semma l-problema tal-pandemija bħala kawża tad-dewmien spjega illi l-kumpanija intimata ukoll kienu sarulha diversi wegħdiet mis-*supplier* dwar il-wasla tal-*lift* iżda dan baqa' ma ġiex għandha:

> "5. Unfortunately, the date of delivery did not materialise as agreed due (to) circumstances which were beyond the company's control. Due to the COVID 19 pandemic, the delivery of

[20] Fol 22-25

materials, the production and importation were effected, which caused delays due to Force Majeure." [21]

24. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Avukat Dr. Victor Emanuel Ragonesi noe v. Chevalier John Parnis England noe. et** (PA, Ċit Nru 926/1992/2 AE, 03/10/2014) fejn il-Qorti kienet osservat hekk:

> "Hu komunement ricevut li l-fortuwitu bħala fatt liberatorju, għandu jkun fatt sopraġġunt – "*il sopravvenuto fortuito*', jgħid il-Giorgi, idem pag. 145. U "*l'impossibilta' di eseguire l'obbligazione deve avere causa in un ostacolo posteriore al perfozionamento del contratto, e non coevo o pre-esistente al medesimo*" (Fadda idem. 533). Issa, f'dan il-każ, il-fatt ma kienx sopraġġunt, għaliex kien prevedibbli, u faċilment prevedibbli, filwaqt tal-kuntratt tan-noleġġ. L-inadempjenza ta' obbligazzjoni kontrattwali hi ħaġa ta' spiss fil-kummerc, u li xejn affattu ma tissupera '*la prevedibile alea commerciale*' – Kollez. Vol. XXIX.ii.15".

25. Fil-każ sopraċitat l-intimat ittenta jiġġustifika n-nuqqas ta' konsenja minħabba li skond hu s-*supplier* Libjan kien qiegħed isib diffikulta' minħabba sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti mposti fuq il-Libja b'riferenza għall-każ ta' Lockerbie. Il-Qorti kienet irrilevat illi qabel ma ġie iffirmat il-kuntratt relattiv, kien diġa jidher ċar illi sejrin jiġu imposti sanzjonijiet fuq l-Istat tal-Libja. Apparti hekk l-intimat kien diġa kellu problemi bil-provvista mingħand l-istess *supplier* għall-istess raġunijiet. Għalhekk il-Qorti qalet illi ma jistax jingħad illi ma kienx prevedibbli għall-intimat li ser jinqalgħu l-problemi li eventwalment inqalgħu.

26. Fil-każ odjern il-Qorti tara li filwaqt li l-intimata xeħtet it-tort tad-dewmien kollu fuq il-pandemija tal-Covid-19, il-kronoloġija taż-żmien ta' din il-pandemija ma ttihix sostenn stante illi din kien kienet ilha li laqtet lid-dinja minn Jannar 2020 u lil pajjiżi Ewropej minn Marzu 2020. Dan ifisser li l-intimata setgħet tipprevedi d-dilungar ta' żmien għall-konsenja stante li dak li kien qed jiġri mad-dinja kollha kien ilu għaddej għal aktar minn sena qabel. B'hekk mill-bidu nett u ċioe fl-istadju tal-iffirmar tal-kuntratt l-intimata setgħet u messa ħadet il-prekawzjonijiet neċessarji f'dan ir-rigward u mhux torbot lilha nnifisha b'terminu illi kienet taf (jew raġjonevolment kellha tkun taf) li x'aktarx ser ikollha problemi biex iżżomm miegħu.

27. Il-Qorti trid iżżid ukoll illi kuntrarjament għal dak allegat mill-intimati, m'huwiex il-każ illi r-rikorrent kellu xi obbligu li jħallas 50% tal-prezz appena kien hemm it-tentattiv tal-konsenja f'Diċembru 2021. Apparti li f'dan l-istadju l-intimata kienet diġa *in mora* (tenut kont li l-konsenja kellha ssir sal-aħħar ta' Ġunju 2021), l-konsenja offruta ma kienetx tal-*lift* kollu komplut iżda ta' parti mill-istess *lift*. Żgur li ma jistax jingħad illi r-rikorrent kien *in mala fede* meta rrifjuta li jħallas il-50%

---

[21] A fol. 56 – par. 5

mitluba minnu meta wieħed iqis illi l-intimata kienet tardiva u li ma kienetx ser tikkonsenja l-*lift* komplut.

28. Il-Qorti tqis li l-aġir tal-kumpanija intimata "jmur kontra mhux biss il-kelma tal-liġi iżda wkoll kontra kull sens ta' negozju responsabbli fejn ħafna drabi l-partijiet kontraenti jistrieħu fuq ir-rieda tajba u l-buona fede"[22] Kienet propju għal din ir-raġuni li r-rikorrent ried jitlob ir-rimbors, xewqa li ġiet kkomunikata lill-intimat Ellul Sullivan diversi drabi anki formalment, iżda dejjem inutilment.

29. Għalhekk il-Qorti tqis illi l-intimata naqset milli tagħmel il-kunsinna fiż-żmien miftiehem u li għal dan in-nuqqas taħti hi u ħadd iżjed.

30. Issa skond l-Art. 1385 fuq imsemmi (tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) f'din l-eventwalita' il-kreditur għandu żewġ rimedji għall-għażla tiegħu, ossia':

    1. li jitlob li l-kuntratt jiġi maħlul **jew**
    2. li jitlob li jiġi mqiegħed fil-pussess tal-ħaġa mibjugħa

31. F'każ illi jagħżel li jeżerċita l-ewwel rimedju, ossia li l-kuntratt jiġi maħlul, il-posizzjoni tal-partijiet tirriverti lura għal kif kienet eżattament qabel ma ġie iffirmat il-kuntratt, *status quo ante*. B'hekk dak li kien qabel il-bejjiegħ ikun obbligat li jirrestitwixxi lura l-prezz (jew ammonti mħallsa akkont tal-prezz) li jkun għadda lilu. Dan ir-rimedju huwa ukoll ibbażat fuq il-prinċipju ġenerali *inademplenti non est ademplendum* u fuq il-patt kommissorju taċitu tipiku għall-kuntratti bilaterali kollha (Art 1068 tal-Kodiċi Ċivili).

32. F'din il-kawża r-rikorrent ma talabx li jinħall il-kuntratt relattiv iżda talab li tiġi rifuża lura lilu s-somma mħallsa minnu akkont tal-prezz. Fis-sew irid jingħad illi skond ir-rikorrent il-kuntratt skada għaliex fil-ftehim hemm imniżżla l-kliem *"Tender Validity: Till 30.06.2021".* Il-Qorti tqis però illi din id-data m'hijiex id-data tal-iskadenza tal-kuntratt iżda d-data tal-iskadenza tal-**offerta** li inizjalment ġiet fornuta lir-rikorrent għall-aċċettazzjoni tiegħu. Appena l-offerta ġiet aċċettata, twieled il-kuntratt u l-klawżola relattiva tal-iskadenza ma baqgħetx applikabbli.

33. Kif inhuwa magħruf, skond l-Art. 213 tal-Kap. 12, fil-qrati inferjuri jekk jiġi ppruvat jedd ieħor għad li dan il-jedd l-ieħor ma jkunx jidħol sewwa fit-talba oriġinali, il-qorti tista' tiddeċiedi fuq dan il-jedd l-ieħor kif ikun ġie hekk ippruvat, fuq l-istess rikors. Il-Qorti għalhekk tista' u sejra tqis illi t-talba tar-rikorrent għar-rifużjoni tinkludi ukoll t-talba għall-ħall tal-ftehim in kwistjoni. F'dan ir-rigward fil-kawża fuq ċitata **EveryMatrix Development Limited v. Portelli and Brincat Limited** (PA,

[22] **EveryMatrix Development Limited v. Portelli and Brincat Limited** (PA, Rik Ġur Nru 669/2022 RGM – a fol.8)

Rik Ġur Nru 669/2022 RGM) il-Qorti kienet infatti qalet ukoll illi "qed tqis illi t-talba ghall-hall mill-kuntratt ta' bejgh hija intrinsika fit-talba ghar-rifuzjoni tal-prezz imhallas".

**Deċiżjoni**

34. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn din il-kawża kif ġej:**

**a. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati u tillibera lill-intimat Daniel Ellul Sullivan mill-osservanza tal-ġudizzju stante n-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika bejnu u bejn ir-rikorrent.**

**b. Mill-bqija tilqa' t-talbiet tar-rikorrent fil-konfront tal-kumpanija intimata billi tiddikjara maħlul il-kuntratt in kwistjoni u tordna lil din tal-aħħar sabiex tirrifondi lura s-somma ta' għaxart elef Ewro (EUR10,000) lir-rikorrent bl-imgħaxijiet legali dekoribbli mid-data tal-preżentata sad-data tal-effettiva pagament.**

**c. Bl-ispejjeż kontra l-kumpanija intimata.**

V.G. Axiak
Maġistrat

Y.M. Pace
Dep. Reġistratur